IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.

Nru. 52 — ITT-TNEJN, IL-15 TA' JANNAR, 1945. — Nru. 52

KIF THARES IL-PRODOTTI MILL-MARD

(C. Zammit-Marmarà, M.B.E.)

FIL-HARĠA ta' Diċembru tħadditna dwar il-mard li jmiss il-pjanti, u fissirna kif jinxtered dan il-mard. Aħna nafu li, meta attakk ikun qawwi, il-prodott jista' jintilef għal kollox. Għaldaqstant sejrin hawnhekk infissru kif u b'liema mediċini wieħed jista' jħares il-prodotti tiegħu mill-mard.

Il-mard tal-prodotti jista' jiġi indukrat jew b'misturi maħlulin jew b'misturi trab. Xi mediċini jintgħataw bil-minfaħ bħal trab fuq il-pjanti, bħalma hu l-kubrit, oħrajn jiddewbu fl-ilma u jintgħataw bil-pompa, bħall-Mistura Burduliża tal-patata jew ix-"Shirlan" għad-dwieli.

Sew meta nbixxu l-prodott u kemm meta nagħtu mistura trab bil-minfaħ, il-ħsieb tagħna hu li bil-velenu li hemm f'dik il-mistura noqtlu l-fungu parassita. Il-misturi li jħarsuna mill-mard tal-prodotti nsejħulhom fungiċida, jiġifieri veleni li joqtlu l-mard ta' l-uċuħ tar-raba'.

Uħud minn dan il-mard imiss biss il-qoxra jew il-wiċċ tal-pjanti, u dawn jistgħu jinqerdu bil-bexx ta' mistura fungiċida. Xi mard ieħor igħix ġewwa l-pjanti jew ġewwa l-weraq u z-zkuk tal-pjanti, u jitfaċċa biss barra minnhom biex igħaqqad jew isajjar iż-żerriegħa (spori) tal-marda u biex ikun jista' jixtered u jmiss pjanti oħra. Dan il-mard li jmiss il-laħam tal-pjanta, jiġifieri li ma jkunx biss fuq il-wiċċ tagħha, ma jistax jitfejjaq mingħajr ma ssir ħsara kbira lill-pjanta. Għaldaqshekk il-fuġiċida jingħata biex joqtol iż-żerriegħa tal-marda u ma jħallihiex tixtered.

Jekk pjanta b'saħħitha tintbexx bil-fungiċida, hi ma timtessx mill-mard, **anqas jekk ikollha pjanti morda ħdejha.** Għaldaqshekk hu dejjem tajjeb u wisq aħjar li tbixx il-prodotti **qabel** ma jitfaċċa l-mard, l-iżjed jekk tkun taf li l-marda ġa tfaċċat band'oħra.

Uħud jibżgħu jieklu frott jew ħaxix li jkun tbexx b'mistura velenuża. Meta l-bexx isir bil-għaqal u l-frott jinħasel ma ikun hemm l-ebda periklu. Il-kwantità ta' velenu li jkun hemm fil-mediċina hi hekk zghira li wieħed irid jiekol ikla wisq kbira ta' frott biex tagħmillu xi ħsara. Dana qed ngħiduh għall-bexx tal-fungiċida u m'hux għall-insettiċida (mistura biex toqtol id-dwied). X'uħud minn dawn ta' l-aħħar huma iżjed velenużi.

Meta wieħed jinħtieġlu jbixx, hu tajjeb li jiftakar li l-bexx m'għandux isir waqt li x-xemx tkun qawwija, għax b'hekk jista' jaħraq il-weraq. Meta tagħti mediċina trab, bħall-kubrit, dan jintgħata l-aħjar meta l-weraq ikunu miksija bin-nida jew ikunu mxarrba ħafif bix-xita. Il-mediċina trab bil-minfaħ għandha tingħata f'jum ħiemed għax f'jum ta' riħ it-trab imur fix-xejn u ma tkunx tista' tmexxi l-għati tat-trab kif jinħtieġ. Il-lum hawn imfittxijin il-mediċini maħlula flok trab, għax it-trab għandu l-isvantaġġ li ma jeħilx mal-weraq, l-iżjed jekk dawn ikunu xotti, u anqas jista' jintgħata taħt il-weraq, ħaġa wisq meħtieġa, l-iżjed fil-bexx kontra l-Pernospora tad-dwieli. Għaldaqshekk il-bexx ta' mediċini maħlula huwa wisq aħjar minn dak tal-misturi trab. Il-bexx fuq il-pjanti, meta jiġi magħmul bil-għaqal u skond is-sengħa, m'hux biss ma jagħmelx ħsara lill-pjanti, iżda xi minn daqqiet jagħmel ġid, barra milli jħarishom mill-mard.

Ix-xorta ta' bexx maħlul l-iżjed meħtieġa huma:

1. Mistura Burduliża (hemm ukoll Krema Burduliża).
2. Mistura tal-Ġir u Kubrit (Lime Sulphur).
3. Shirlan A G.

Il-Mistura Burduliża

Il-Mistura Burduliża hi l-iżjed qadima u l-iżjed waħda magħrufa, u għal mard bħalma hu l-mard tal-patata l-ebda mediċina oħra misjuba sal-lum ma tgħaddiha. Din il-mistura, meta tintagħmel bil-għaqal u skond is-sengħa, għandha dawn il-vantaġġi:

(1) Taqbad ħafna mal-weraq.
(2) Għandha qawwa kbira li tilqa' l-mard.
(3) Hi rħisa.
(4) Hi ħafifa biex tingħata.

L-isvantaġġi tagħha huma:

(1) Jinħtiġilha tiġi magħmula bil-għaqal.
(2) Ma tistax titiesta f'affarijiet tal-ħadid jew tazzingu.
(3) Meta tingħata għas-siġar kultant tagħmel ħsara lill-weraq u l-frott, bħal ħawħ u xi xorta ta' tuffieħ.
(4) Tħalli lewn fuq il-weraq u fuq il-frott li tkerraħhom, l-iżjed għas-suq.

Biex tagħmel it-taħlita jinħtiġlek Kupru 98 fil-mija pur, u ġir imtoffi mill-itjeb. Id-doża hija din:

Kupru (98% pur) tlitt artal;
Ġir Virġni ratlejn;
Ilma, sitta u tletin gallun (9 landi tal-pitrolju).

Il-kupru ma jinħallx malajr, iżda jekk inti tqiegħdu ġo borża jew biċċa musulina u ddendlu ġo l-oġġett li fih tkun ser iddewbu (li jinħtieġ ikun ta' l-injam jew tar-ram għax il-ħadid jew żingu jbiddillu l-għamla tal-mistura li allura tagħmel ħsara) u titfa' ftit misħun, hu malajr idub.

Il-ġir virġni, li jiħtieġ ikun ta' l-aħjar xorta, u li jkun għadu ġej frisk mill-kalkara, għandu jiġi msoffi billi tixħet l-ilma fuqu bil-mod il-mod. Malli jitfarrak sewwa għandu jitħallat ma' l-ilma kiesaħ biex tagħmel ħalib tal-ġir, u għandu jitgħadda minn passatur biex tneħħi minnu xi żrar jew frak ieħor li jkun fih.

Issa biex tlesti l-mistura, itfa' l-kupru mdewweb ġewwa l-ħalib tal-ġir, tħawwad dejjem sakemm iġġib id-doża li għandek bżonn. Meta tlesti l-mistura u qabel tibda tbixx ipprova biex tara hix tajba. Il-mistura m'għandha tkun qatt aċida, iżda aħjar *kemm kemm* alkalina. Inti tista' tippruvaha billi ddaħħal xafra ta' sikkina nadifa. Jekk max-xafra teħel skorċa tal-kupru, dan hu sinjal li l-mistura hi aċida u tagħmel il-ħsara, u għalhekk għandek iżżid il-ġir.

Barra mill-Mistura Burduliża li nagħmlu aħna, insibu wkoll il-Krema Burduliża li hi preparazzjoni li għandha ħafna Kupru u tintuża l-iżjed biex jiddewwew u jitħarsu l-qatgħat tas-siġar li jsiru waqt iż-żbir, jew biex jiġi ikkurat il-mard tal-ġonna jew il-kankru.

Il-Krema (jew pasta) Burduliża ssir hekk:—

Ħoll nofs wiżna kupru fi 3 galluni u kwart ilma f'xi ħaġa ta' l-injam, tar-ram jew tal-fuħħar.

Ħu wiżna ġir virġni mill-aħjar, taffih u ħawdu ġewwa 3 galluni u kwart ilma ġo xi ħaġa, tkun li tkun. Meta l-ġir jiksaħ, ħallat il-kupru u l-ġir flimkien. Dan jagħmel bħal krema ta' lewn blù ċar, li hi magħrufa bħala Krema jew Posta Burduliża.

Il-Mistura tal-Ġir u Kubrit

Dan hu fungiċida tajjeb ħafna wkoll, iżda m'hux magħruf fostna.

Biex tagħmel il-mistura tal-ġir u kubrit jinħtiġulek:—

Fjuri tal-Kubrit, ratal u kwart; Ġir Virġni, ratal u kwart: Ilma, 4 galluni u nofs.

Taffi l-ġir bil-mod u ħawdu ma' 4 galluni u nofs ilma biex tagħmel ħalib tal-ġir. Meta tlestih qiegħdu ġo xi ħaġa tal-ħadd (m'hux tar-ram)

Issa ħu l-kubrit ġo biċċa ċarruta u orbotha ġewwa l-ħalib tal-ġir b'mod li la tmiss mal-qiegħ u l-anqas mal-ġnub. Imbagħad ħalli din it-taħlita togħhod sakemm tara li hi naqset mit-tlieta l-wieħed. Imbagħad ferragħ il-likwidu ċar, mingħajr ma tħawwad l-qiegħ, ġewwa fliexken u soddhom tajjeb. Il-bexx bih jista jsir billi żżid, għal kull waħda minn din il-mistura, mitt waħda ilma.

(Jissokta fil-faċċata 4)

L-GHENEB
(Għeneb ta' l-inbid, għeneb tal-mejda, għeneb taż-żbib)

(*C. Zammit-Marmarà, M.B.E.*)

L-GHENEB jitqassam f'ħafna xorta, iżda l-iżjed meħtieġa huma: 1) l-għeneb ta' l-inbid; 2) l-għeneb tal-mejda; u 3) l-għeneb taż-żbib. Kull waħda minn dawn ix-xorta ta' għeneb tista' tiġi użata għall-inbid, għall-mejda jew għaż-żbib, iżda jkun wisq aħjar jekk wieħed jagħżel l-iżjed xorta adattata għax-xogħol li minnha jrid. Jekk wieħed irid għonob ta' l-inbid ikun aħjar li jikkultiva xorta ta' għeneb ta' l-inbid milli jagħżel xorta ta' għeneb li jkun wisq aħjar għall-mejda.

Bosta mill-għeneb tajjeb ta' l-inbid insibuh ta' daqs żgħir jew imdaqqas. Wieħed ukoll għandu jagħżel xorta ta' għeneb skond il-kwalità ta' inbid li jrid jagħmel. L-inbid iswed jinħtieġlu aċidità ħafifa u bosta zokkor. Uħud mill-inbejjed, bħal muskatell, jinħtiġihom togħma wkoll differenti mill-oħrajn; għaldaqshekk għandna qabel xejn naraw sewwa x-xorta ta' inbid li rridu nagħmlu u mbagħad nagħżlu l-għeneb li jtina dik il-kwalità.

Il-bosta xorta ta' għeneb tal-mejda m'humiex stmati kullimkien l-istess; għaldaqshekk qabel ma nagħżlu x-xorta ta' għeneb tal-mejda, jinħtiġilna naraw għal-liema swieq irriduh, għalkemm f'artna x-xorta kollha jsibu jinbiegħu.

Fl-Ingilterra l-għeneb tond tal-varjetà msejħa "Black Hamburg" huwa bosta mfittex, filwaqt li fi Franza l-għeneb abjad tal-varjetà "Chasslas Dorè" isib suq wisq aħjar.

L-għeneb tal-mejda jinħtieġlu art tajba biex il-prodott jiffrotta kif imissu. Wieħed għandu jiftakar li xorta ta' għeneb li fi trab u fi klima tagħmel tajjeb ħafna, tista' ma tirnexxix fi trab jew fi klima xorta oħra. Dan ifisser li xorta ta' għeneb li hi tajba f'xi postijiet ma hix tabilfors tajba għall-postijiet kollha jew it-trab kollu.

L-għeneb taż-żbib mhux biss jitlob kultivazzjoni li taqbel għalih, iżda wkoll jinħtieġlu kondizzjonijiet tajba biex inixxef il-prodott. L-aħjar xorta ta' għeneb għaż-żbib huma: **Is-Sultanina** (Benati bajda), **il-Muskatell** (Muskat ta' Lixandra), **l-Iswed ta' Corinth** (dan għall-passulina), u **l-Monokka Sewda.**

L-għeneb ta' l-Ewropa biex jirnexxi sewwa jinħtieġlu xitwa tax-xita u sajf xott. Hu ma jirnexxix f'dawk l-artijiet fejn tagħmel kesħa kbira jew sajf qasir u frisk. L-aħjar temperatura hi ta' bejn 35 u 50 grad Fah. fix-xitwa, li titla' bil-mod il-mod għal minn 70 sa 85 grad Fah. fis-sajf. Raba' qasir, jiġifieri raba' li fih ftit trab, għalkemm fih l-għeneb jagħmel ukoll u jagħti prodott bil-kotra, iżda l-frott tiegħu jkun artab u mgħobbi bl-ilma. Dan ir-raba' m'hux adattat, l-iżjed għall-għeneb tal-mejda.

Ir-raba' fejn jitħawlu d-dwieli għandu jkun raba' li mhux milħuq mir-rjieħ qawwija, għaliex ir-riħ qawwi jagħmel ħsara kbira billi jikser ir-rimi tari tad-dielja, u b'hekk mhux biss inaqqas il-prodott ta' din is-sena, iżda wkoll inaqqas iż-żargun li jagħti frott is-sena ta' wara. Fejn hemm imħawlin id-dwieli, u r-raba' hu mikxuf, wieħed għandu jagħmel xi ħaġa biex jilqa' r-rjieħ qawwija skond il-posizzjoni tar-raba' li jkun. Ir-riħ sħun jagħmel ukoll ħsara kbira lill-frott, għaliex hu jnaqqas l-umdità mit-trab u mid-dielja bl-evaporazzjoni, u jekk l-art ma tkunx friska u umda biex fiha d-dielja ssib l-umdità li tinħtieġ, allura l-għeneb ma jħaxxenx u f'riħ sħun l-għeneb malajr jinħaraq mix-xemx.

Id-dwieli għandhom jiġu mħawla skond ix-xorta ta' trab li hemm fir-raba'. L-għeneb ta' l-Ewropa (vinifera) imur tajjeb f'bosta xorta ta' ħamrija, iżda jinħtieġ li t-trab ikun maħdum biex minnu jgħaddi l-ilma u l-arja. M'għandniex xi ngħidu, raba' fond hu l-aħjar, għaliex barra milli jżomm iżjed umdità fih, ikun hemm ukoll iżjed wisa' fejn l-għeruq jistgħu jiġru fil-fond u b'hekk jżommu iżjed friski fis-sajf. Raba' qasir, barra mill-iżvantaġġi li semmejna iżjed 'il quddiem, ikun jinħtieġlu t-tisqija fis-sajf.

Id-dwieli biex jirnexxu sewwa jinħtieġu klima li fiha tagħmel xita bejjenija ta' 20 sa 24 pulzier fis-sena, u li tkun imqassma tajjeb.

IS-SIWI TAL-FROTTIJIET U ĦXEJJEX

(*J. Orlando Smith*)

GHALKEMM il-frott u l-ħxejjex huma fqar mis-sustanzi ta' karboidrati, protejina u xaħmijiet li jinħtieġu għall-għajxien tal-ġisem, fihom jinstab dak l-ikel mimli vitamini u minerali li jagħtu enerġija sabiex il-bniedem iżomm ruħu f'saħħtu u mimli b'dik il-qawwa li għandu bżonn.

Hawn taħt sejrin insemmu xi ftit mill-ħxejjex mogħnijin b'dawn is-sustanzi ta' ħtieġa għas-saħħa tal-bniedem.

Tuffieħ: Jinstabu fih il-vitamini *A*, *B*, u *C*, ram, putassa, ħadid, fosfru u aċdu maliku. Din il-frotta mhux biss hija ikel utieq iżda wkoll iżżid il-qawwa tad-diġestjoni, issaħħaħ il-pulmuni, il-milsa u l-fwied. Daqsxejn purgattiva u ssewwi d-demm.

Larinġ: Mill-abbundanti fil-vitamini *C*, ġir u fosfat. Tgħin id-diġestjoni, issewwi d-demm u tbiegħed ir-rewmatiżmu u l-mard tal-ħniek. Twarrablek u tfejqek mill-irjieħ. Ma tħaxxinx, tagħtik malajr enerġija u hi ta' siwi kbir għall-ħaddiema tal-moħħ.

Tronġ (*Grape fruit*): Fih il-vitamini *A*, *B*, u *C*, putassa, ram u ħadid. Jiftaħ l-aptit, igħin iċ-ċirkulazzjoni. Ta' siwi għall-mard tad-deni u għax-xedda. Inaqqas il-ħxuna żejda.

Lumi: Fih għadd kbir ta' vitamini *A*, *B*, *C*, ġir u putassa. Jagħleb ir-rewmatiżmu, id-deni u l-bili. Mill-aħjar biex jnqta' l-għatx u tajjeb għall-ħasil tal-ħalq u tal-griżem.

Langas: Fih il-vitamini *B* u *C*, putassa u ġir. Iżid id-demm, tajjeb għal dawk li jbatu bix-xedda u l-gotta. Ma jgħaddix malajr mill-istonku daqs it-tuffieħ.

Frawli: Fih ħafna ħadid u vitamini *C*.

Banana: Il-vitamini *A*, *B*, u *C*, ġir, manjesja, fosfru, kubrit, ħadid u ram jinsabu f'din il-frotta b'għadd kbir. Iżżid l-enerġija kważi aktar minn kull frotta oħra. Purgattiva u ssewwi d-demm. Tgħaddi malajr mill-istonku, meta tomogħdha tajjeb.

Tin: Fih il-vitamini B, putassa u manjesja. Billi fih ukoll ħafna zokkor jagħti enerġija qawwija. Jiftaħ is-sider, purgattiv u tajjeb għall-mard tal-kliewi.

Tadam: L-aktar frotta għanja fil għoti tal-vitamini kollha. Fit-tadam jinstab ukoll il-ġir, il-fosfru u l-ħadid. Isewwi d-demm, isaħħaħ il-kliewi u ta' ħtieġa fil-mard tar-*ickets*, nuqqas ta' sustanzi u mard tal-kliewi. Il-morda bid-djabete jistgħu jekluh mingħajr biża'.

Patata: L-aktar frotta meħtieġa għall bniedem. Fiha l-vitamini A, B, C, soda, putassa, ħadid u lamtu. Tajba għal min ibati bir-rewmatiżmu, nuqqas ta' demm u għannies ta' saħħa dgħajfa.

Spinaċi: Fihom ħafna ġir, ħadid, vitamini *A* u ftit vitamini *B*, *C*, u *D*. Mill-aħjar għal dawk li għandhom nuqqas ta' demm u jnaddfu l-ġewwieni tal-bniedem.

Krafes: Fihom il-ġir, ħadid, soda, putassa, ram u vitamini *B*. Għandhom effett tajjeb fuq ir-rewmatiżmu, speċjalment meta jittieklu nejja.

Kaboċċi: Fihom ħafna vitamini *C*; fihom ukoll il-kubrit, ġir, fosfru u ħadid. Igħinu l-ħidma ta' l-istonku u tajbin għal min ibati bix-xedda.

Basal: Fih il-vitamini *A*, *B*, *C*, putassa, ġir, ħadid u ram u kubrit. Tajjeb kontra s-sogħla, ir-rjiħat, il-bronkite, u xedda. Iħaddem il-kliewi.

Piżelli (friski): Fihom il-vitamini A, B, C, putassa, ram u manjesja.

Ħass: Fih ħadid, ġir, putassa u l-vitamini *A* u *C*. Il-weraq ta' barra huma l-aktar sustanzjużi għaliex ikunu aktar milqutin mix-xemx. Jagħmel għeġubijiet fit-tindif ta' l-intern.

Karrotti: Fihom ħafna vitamini *A* u *C*, ġir, fusfat, ħadid u putassa. Jagħmlu tajjeb lil dawk li jbatu bin-nuqqas ta' demm.

BEJGĦ U XIRI TA' ĦAXIX MILL-GĦALQA—ĠWIEŻ

(Meħud mit-Taħdita tad-Direttur tal-Biedja minn fuq ir-Rediffusion fit-8 ta' Diċembru, 1944)

Il-Bidwi jista' jbigħ dritt lix-Xerrej

Pont ta' interess kbir sew għall-bidwi, kif ukoll għax-xerrej, hu l-pass li ħa dan l-aħħar id-Dipartiment tiegħi fejn bis-saħħa tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 487 tat-28 ta' Novembru, ġie mgħarraf li l-bidwi issa għandu d-dritt li jista' ibigħ direttament mill-għalqa kull prodott tar-raba', barra minn dawk il-prodotti li huma kuntrattati — li huma: Kaboċċi, Pastard, Artiċokks, Zfunnarija u Qara' aħmar. Dan ifisser li l-bdiewa jistgħu issa jbigħu direttament lill-konsumatur u l-konsumatur jista' jixtri direttament minn għand il-bidwi kull xorta ta' prodotti għall-użu tiegħu barra minn dawk il-ħames xorta ta' ħxejjex li semmejtilkom, li huma: Kaboċċi, Pastard, Artiċokks, Zfunnarija u Qara' aħmar. Dawn il-prodotti għalissa jibqgħu taħt il-kontroll tal-Gvern.

Il-Ġwież

Hawnhekk wasalna fl-iżjed parti ta' l-inkwiet li għandna l-lum. Dak li xahar ilu, ftit jew wisq ma kienx imfittex, il-lum qegħdin jiġġieldu għalih. Qiegħed ngħid għassmida u kxura li ftit ilu, waqt li kien hawn il-ġwież tal-pajjiż, kellna nagħmlu propaganda għalihom biex neħilsu minnhom. Id-dinja issa inqalbet u kulħadd irid minn dan il-ġwież u t-talba hija daqshekk kbira li l-bejjiegħ diżonest beda jara kif jagħmel u jistudja sabiex flok li jikseb il-qligħ tajjeb li jagħtih il-Gvern, huwa jaqla' iżjed billi jinnegozja l-permess, jew jaħbi l-ġwież biex ibigħhu bi prezz ogħla.

F'dawn l-aħħar ġranet waslulna bosta ittri sew minn Malta kemm ukoll minn Għawdex dwar it-tqassim ta' dal-ġwież mill-bejjiegħa. It-tgemgim li hawn qiegħed jikber u nista' ngħid li qiegħed jikber bir-raġun. Iżda d-Dipartiment tal-Biedja kien ġa ħaseb biex jieħu passi ebsin u lesta sistema ġdida ta' tqassim.

Il-bejjiegħa sew hawn Malta kemm ukoll f'Għawdex għandhom id-drawwa jgħidu lill-klienti tagħhom illi l-Gvern ma tahomx il-kwantitajiet li kellhom bżonn. Billi s-smida u l-kxura jipproduċuhom il-makni tad-dqieq tal-pajjiż, il-kwantitajiet meħtieġa ta' smida u kxura jinġemgħu għal ma' tul iż-żmien tar-razzjon. Imħabba f'hekk, il-bejjiegħa ma jistgħux jieħdu l-kwantità kollha li għandhom fuq il-permess f'daqqa waħda jew f'ġurnata waħda, iżda min hu nkarigat iqassam ta' kull ġimgħa skond ix-xogħol li joħroġ mill-makni fuq il-kwantità li hemm fuq il-biljett tal-bejjiegħ. Hu tabilħaqq li f'ħafna każijiet dawn il-bejjiegħa ma ħadux il-kwantità li kienet tmisshom, iżda huma dejjem ħadu xi ftit mill-*quota* tagħhom. Id-Dipartiment tal-Biedja ħa passi biex jara x'inhu jsir mill-gwiez li qiegħed jingħata lilhom għall-klienti tagħhom. Sar ftehim mal-"pool" tat-tqassim tal-ġwież biex jibagħtu listi ta' kif qegħdin jitqassmu s-smida u l-kxura maħruġin minnhom, u l-"inspectors" tad-Dipartiment qegħdin iduru biex jivverifikaw fejn qed imur u kif qed jinħadem dan il-ġwież meta jasal għand il-bejjiegħ. Minn għada (l-4 ta' Diċembru, 1944) il quddiem l-"inspectors" tad-Dipartiment sejrin ikollhom listi tal-bejjiegħa li ħadu u sejrin jieħdu smida u kxura u għandhom ordni jaraw li dan il-ġwież jasal għand il-parruċċani tagħhom. Il-bejjiegħa sejrin ikunu obbligati iniżżlu l-ismijiet tal-parruċċani tagħhom bil-kwantità ta' ġwież li taw lil kull wieħed biex dawn il-listi jiġu ivverifikati mill-"inspectors". Sar ftehim biex il-makni ma jagħtux ġwież ħlief lil dawk li jagħtu kont ratal b'ratal tal-ġwież li l-Gvern qabbadhom, bi qligħ tajjeb, iqassmu lill-parruċċani tagħhom. Sejrin jittieħdu passi ħorox kontra l-"black market" tal-ġwież, u dawn il-passi sejrin iżjed jiħraxu b'-ikrah kontra kull wieħed, *ikun min ikun*, li biex iħaxxen butu qiegħed jaqla' l-inkwiet fil-pajjiż billi jikkaġuna skarsizza ta' ġwież u jbigħ dak li jġi f'idejh bil-"black market". Barra mill-passi li tieħu l-Pulizija, kull bejjiegħ li jinqabad f'dan ix-xogħol diżonest tinżammlu minnufih il-liċenza. Hu tabilħaqq li kull min għandu l-annimali b'xi mod jew ieħor irid jitmagħhom, iżda aħna mill-banda l-oħra jinħtiġilna l-għajnuna tax-xerrejja billi ma jixtrux ogħla mill-prezz tal-Gvern, u li jirrappurtaw lili minnufih jekk xi ħadd joffrilhom bi prezz ogħla minn dak tal-Kontroll.

Jittieħdu wkoll passi ħorox kontra dawk it-talin li jinqabdu jitimgħu jew iħalltu d-dqieq mal-ikel tal-bhejjem. Niftakru illi kważi fil-pajjiżi kollha l-ġwież qiegħed, ftit jew wisq, jiġi użat bħala ikel għall-bnedmin, u ikun skandlu kbir jekk aħna, għax il-Bambin tana grazzja li nkunu aħjar minnhom, immorru nitimgħu l-ikel tan-nies lill-bhejjem. Hağa bħal din għandha toqios l-iżjed kuxjenza xierfa li jista' ikun hawn u min inqabad jagħmel dan ix-xogħol wehel pieni ħorox. Aħna nafu li biex problemi bħal dawn jispiċċaw jew jiċċaraw għal ko'lox, l-aħjar irmedju jkun dak li l-Gvern jġib ġwież iżjed minn barra — iżda l-ħaġa mhix hekk ħafifa daqs kemm tidher. Wieħed għandu jifhem illi l-ikbar problemi fi żmien ta' gwerra huma bla dubju l-proviżjon ta' l-ikel sew għall-bnedmin kif ukoll għall-annimali. Bħalma għadni kif għidtilkom, f'xi pajjiżi l-ġwież qiegħed jiġi użat bhala ikel għall-bnedmin. B'danakollu l-Gvern għandu dejjem ħsiebu dan il-problema u għandi tama kbira li l-affarijiet imorru għall-aħjar għal dak li hu ġwież. Dan ix-xahar qegħdin nistennew minn barra partita ta' qamħ-ir-rum, li biha għat-tqassim tar-razzjon li ġejja nkunu nistgħu noħorġu razzjon għall-majjali u għat-tiġieġ. Barra minn dan, sejjer ikun hemm ukoll żieda ta' razzjon tax-xgħir għall-majjali. Għandi wkoll pjaċir inħabbar li billi l-Gvern, kif ġa deher fil-gazzetti, ta permess lin-negozjanti tal-ġwież biex iġibu l-ful mit-Turkija, nittama li nkun nista' nirdoppja r-razzjon tal-ful għall-baqar u mogħoż. Nittama li nkun nista' nagħti ke'ma soda xi ġimgħa oħra. Għar-razzjon ta' wara, bħala ħaġa barranija, sejjer inqassam partita ċċieri għall-majjali.

Għalhekk il-qagħda sejra tkun għall-aħjar, sew imħabba fil-passi li qegħdin jittieħdu għat-tqassim tal-għalf u ġwież tal-annimali u kemm imħabba l-arranġamenti li lesta l-Gvern biex iġib iżjed ġwież minn barra, aħna għandna nifhmu illi m'għandux ikun hemm ħala, kif lanqas għandu jkun hemm "black market" f'dan il-ġwież, u kull min hu miktub għal xi kwantità ta' ikel għall-annimali tiegħu jieħu dak li jmissu, u sehmu għandu jieħu bil-prezz li jiffissa l-Gvern u mhux bi prezz tal-"black market". Din hi l-aħħar twissija li jien sejjer nagħti lill-bejjiegħa tal-ġwież u nittama li huma jobduha minnufih.

TQASSIM TAL-ĠWIEŻ BIL-KUPUNI

Dipartiment tal-Biedja

RAZZJON: JANNAR-FRAR, 1945.

Sehem	Siwi kull kupun	Lewn
Majjali:		
2 kupuni: Smida r-ras	— 40 ratal	— Abjad
Bhejjem ta' l-Ifrat:		
3 kupuni: Qxura r-ras	— 50 ratal	—Ċirasa
Bdiewa:		
Kupun Nru. 1—Qxura	—25 ratal	—Salamun
,, ,, 2—Qamħ-ir-rum	—10 rtal	—Salamun
Mhux bdiewa:		
Kupun Nru. 1—Smida	—40 ratal	—Isfar
,, ,, 2—Qamħ-ir-rum	—10 rtal	—Isfar

Tiġieġ u Fniek:

Kull kupun irid ikun fih l-inizjali tad-Direttur tal-Biedja.

Razzjonijiet tal-ġwież barra dawn imsemmijin hawn fuq joħorġu fuq il-biljett tar-razzjon tas-soltu.

Il-biljetti tar-razzjon jistgħu jissarfu biss għand il-bejjiegħ bl-imnut imsemmi fuq il-biljett. Il-kupuni lliha, ikunu ta' x'ikunu u ta' liema lewn ikunu, jistgħu jissarfu għand kull min ibiegħ il-ġwież.

Il-biljetti u l-kupuni tar-razzjon jinġabru minn għand il-Protection Officer, mit-8 ta' Jannar 1945, 'il quddiem.

Il-biljett tar-razzjon irid jissarraf sal-25 ta' Jannar 1945, u l-kupuni kollha sa l-aħħar ta' Frar, 1945.

MARD TAN-NAHAL

(*C. Sant*)

IN-NAĦAL jimrad ukoll bħalma jimirdu l-ħlejjaq kollha, sew ta' l-art, kemm ta' l-ajru, kif ukoll tal-baħar.

Il-mard mhux kollu jittieħed xorta waħda. Fost il-mard li l-iktar jintrikeb minn naħal għal ieħor insemmu dawn: *Difterite, Dissenterija* u *Pesta tan-Naħal* jew marda ta' l-intiena.

Id-Difterite

Biex tifhmuni aħjar, din il-marda sa nsejħulha kif inhi magħrufa fost il-bnedmin — *il-marda tal-griezem*. Insib li din il-marda hekk kiefra, jekk wieħed ma jilqagħlhiex minn kmieni, tagħmel straġi kbira min-naħal. Din il-marda l-iktar li taħkem in-naħal bejn is-silla u s-sagħtar. Minn xi drabi jagħtini x'naħseb li din il-marda, in-naħal jeħodha minn *difer il-qattus*. Iżda dan ħsieb tiegħi *biss*. Din il-ħaxixa tinbet wara l-ħsad tas-silla. Xi bnadi hemm kwantità minnha bla qies! Din tħobb titla' minn Mejju sakemm jispiċċa Ġunju. Tibqa' baxxa ma' l-art u tagħmel ward irqiq bi kwantità hekk kbira li xi drabi l-art tkun iċċangata bin-naħal jirgħa fuqha. Issa ġejja mnejn hi ġejja. hi marda li tittieħed sħiħ, għad li ma hix marda li għandha taqtagħlek qalbek. Din il-marda taħqar wisq lin-naħal. Meta taraw dawn is-sinjali. aħsbu biex ma tħallux il-marda tinxtered.

B'din il-marda tibdew taraw lin-naħal jitfi xi ftit millewn tiegħu; taraw naħal ħdejn id-daħla tal-kaxxa immantar, jibda jagħti b'saqajh ta' quddiem; fuq griżmejh addoċċ u minn xi drabi tibda tara xi naħal mejjet ukoll. Biex tikkuraw in-naħal minn din il-mard, malli tinduraw bis-sinjali ta' din il-marda għandkom tagħmlu dan: Għallu ftit zokkor nadif, ħalltuhulu ftit aktar milli għandek zokkor imgħolli bil-għasel tas-sagħtar, milli għandek tas-sena ta' qabel; tuhulu fietel, basta tas-sagħtar. Is-sagħtar għandu wisq qawwa fuq din il-marda. Dan qaluh professuri Ġermaniżi tal-mediċina, l-iktar is-sagħtra maltija.

Din il-marda ma tantx tagħfas wisq billi dlonk jilħaqlu s-sagħtar, u għalhekk hu wisq tajjeb li n-naħal jitqiegħed fil-qrib fejn jista' bla wisq taħbit iġib minnu polline (dakra) u għasel. Meta jibda jġib minnu. iktarx li -marda ddub.

Id-Dissenterija

Dwar id-Dissenterija diġà għidtilkom xi ħaġa. L-iktar li jittakka biha jew meta tagħtuh iz-zokkor b'ilma mingħajr imgħolli, jew meta tagħtuh iz-zokkor ilma wisq, bħal kif għidtilkom qabel. Tittakkah ukoll l-iktar meta ż-żergħa, il-furrajna jew xgħir jibdew jagħmlu l-*betbut*. Kulħadd jaf li l-betbut tax-xgħir hu ħelu ħafna; għaldaqshekk in-naħal jibda minn kmieni jirgħa fuqu meta tkun xi għodwa diefja, u mal-lejl jaqa' mas-sried qatigħ nida u din in-nida jitħallat maz-zokkor li jarmi l-betbut. Hawn in-naħal jibda biex jieħu minnu bla xaba' ngħiduha bil Malti jitħanżor. u b'hekk iktarx li taqbdu d-disenterija. Meta lin-naħal taqbdu d-disenterija, intom għandkom tintebħu b'dan is-sinjal. In-naħal jibda jtajjar bħal ilma ftit kemm xejn imdardar. u ġie li taraħ jidħol ftit imgħaxxex f'bejtietu. Meta taraw dan, kunu ħfief għallulu ftit zokkor safi ma' ftit qxur tal-lumi; dan tuhulu f'xi ħaġa u qisu li tatuhulu fietel sħun. Jekk tarawh li kompla jtajjar iżjed bħal ilma, la teħdux qatgħa, għax ikun qed jissaffa. Biss inwissikom li dan tagħmluh bil-għaġla biex il-marda ma tidħolx 'il ġewwa.

(*Jissokta*)

IL-MEWT TA' MANWEL LIA

B'dispjaċir kbir inħabbru l-mewt tal-ħabib tagħna MANWEL LIA, ġuvni ta' 48 sena li miet fil-15 ta' Diċembru. 1944, fid-dar tiegħu, Trieq ir-Rjali, Ħaż-Żabbar. Manwel kien magħruf ħafna mill-bdiewa ta' Ħaż-Żabbar u kien ukoll maħbub ħafna minnhom. Hu kien il-Kaxxier tal-Fergħa tal-"Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa" ta' Ħaż-Żabbar, u kien ukoll membru tal-Kumitat Uffiċjali tal-Bdiewa ta' l-istess raħal. Manwel ġie li qala' xi ċanfir mill-bdiewa sħabu, bħalma jiġri lil kull membru ieħor tal-Kumitati l-oħra, iżda huwa kompla dejjem jaħdem bil-qalb u qatt ma qata' qalbu. Manwel ħalliena, iżda l-ġid li kien jagħmel fost il-bdiewa sħabu ma jintesiex, u kollha jiftakruh fit-talb tagħhom. Aħna nagħtu l-għomor lill-familja tiegħu, lill-Kumitat u membri tal-"Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa" ta' Ħaż-Żabbar Alla jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

KIF THARES IL-PRODOTTI MILL-MARD

(*Jissokta mill-ewwel faċċata*)

Jinħtieġ ingħidu li biex wieħed juża din il-mistura jinħtieġ ikollu pompi apposta. Lill-pompi tar-ram tiġrilhom ħsara kbra jekk jintużaw għal din il-mistura.

Kubrit Trab

Il-kubrit hu wkoll magħruf bħala funġiċida trab u jingħata bil-minfaħ jew b'makni apposta.

Il-kubrit l-iżjed użat huwa:—

(a) Kubrit misħuq. (b) Fjur tal-kubrit.

Il-fjur tal-kubrit huwa trab bil-bosta fin, li spiss ikun fih il-wieħed fil-mija minnu aċdu sulforiku, li jista' jagħmel ħsara lill-weraq fis-sħana. Il-kubrit misħuq, fil-waqt li hu tajjeb, ma jeħilx, u m'hux ta' qawwa daqsu.

Is-Shirlan AG hi mediċina li tinxtara f'landi lesti, bil-kejl magħha, u wara studju xjentifiku kbir. Għax-xitel tat-tuffieħ tadam, kontra l-mell abjad tal-qara' u tal-bħajra, għall-mell tal-ħjar u għall-mell abjad kollu fuq is-siġar u fuq l-uċuħ hija tajba ħafna, u għandha qawwa kbira li teħel mal-weraq. Ix-Shirlan AG, fil-waqt li hu velenuż għall-mess li semmejna, ma jagħmel l-ebda ħsara lill-weraq, l-anqas l-iżjed delikati, u jista' jingħata bil-pompa tal-bexx. *Hu ma hux velenuż la għan-nies u l-anqas għall-annimali*. Dan hu vantaġġ kbir.

Shirlan AG

Ix-Shirlan AG, għandu jintgħata bil-pompa b'mod li jaqa' fuq il-weraq bħala għabra fina. M'għandux wieħed jagħti b'mod li jiċċarċar. Il-weraq għandhom jitbexxu minn taħt u minn fuq.

Is-sħana u t-temp umdu huma żewġ affarijiet li fihom il-mard tas-siġar, tal-uċuħ tar-raba' u tal-pjanti tal-ġonna jikber bis-sigħat. Kif ġa għedna wieħed ma għandux iħalli l-mard jitfaċċa biex jibda jbixx. Il-bexx wieħed għandu jikkalkulah bħala ħaġa meħtieġa biex jilqa' l-mard.

IRĊEVEJNA

Irċevejna l-Almanakki tad-Djar ta' San Ġużepp (ta' Malta u Għawdex). għas-sena 1945. Bħal dawk tas-snin ta' qabel, dawn l-Almanakki huma mżewqin b'materjal ta' informazzjonijiet, meħtieġa għan-nisrani u devoti ta' San Ġużepp u ħbieb ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, bħalma huma Festi li jimxu mal-Għid il-Kbir, Granet tas-Sawm u Astinenza, Membri tad-Dijoċesi ta' Malta u Għawdex, tagħrif fuq l-Opra tal-Mewt it-Tajba u lista tal-Festi Kmandati; lista tal-Grazzji Maqlugħa bl-interċessjoni tal-Patrijarka San Ġużepp ma' tul is-sena li għaddiet u fl-aħħarnett lista ta' dawk l-Imseħbin fl-Opra tal-Mewt it-Tajba li mietu mill-1 ta' Ottubru. 1943, sat-30 ta' Settembru 1944. Fih hemm ukoll lista ta' Kotba (bil-prezzijiet), li jinbigħu fid-Dar ta' San Ġużepp f'Malta. Il-frontispizzju ta' l-Almanakk tad-Dar ta' San Ġużepp ta' Għawdex hu mżejjen bir-ritratt ta' l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Mons. G. Pace, D.D., J.C.D., Ph.D.

Id-Direzzjoni ta' l-Istitut, fil-bidu ta' l Almanakk, tagħmel sejħa qawwija lil dawk in-nies li jistgħu jgħinu, sabiex dawn jingħaqdu ma' benefatturi oħra u jgħinu lit-tfal iltiema ta' pajjiżna li huma ħafna u għandhom bżonn ta' għajnuna sabiex isibu, f'istituti bħal dawn, id-Dar li tiqagħhom u tistkennihom u b'hekk jitrabbew tajjeb u jsiru rġiel onesti u ħaddiema għall-ġid tagħhom u ta' pajjiżhom. L-Almanakki jinbigħu 4d. il-wieħed. Lid-Diretturi ta' dawn l-Istituti rroddulhom il-ħajr tagħna.

LILL-QARREJJA U ĦBIEB TA' "IL-BIDWI"

B'numru hekk kbir ta' qarrejja, "Il-Bidwi" jinħtieġlu ta' sikwit jarġa' jiflі l-listi tiegħu. Dawk kollha li bidlu l-indirizz tagħhom, jew qegħdin jirċevuh b'indirizz ħażin, jew għandhom xi ħbieb li m'għadhomx jirċevuh huma mitlubin li jiktbu minnufih lill-"EDITUR TA' "IL-BIDWI", Villa Chelsea, Birkirkara, biex b'hekk dan il-folju jkun jista' jmexxi sewwa x-xogħol tiegħu ta' tagħlim, fis-sena ġdida li dħalna fiha.